# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Richard Cilia**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Richard Cilia**, numru tal-Karta tal-identita' 230972M fejn ġie mixli talli nhar it-30 ta' Marzu 2014 għall-ħabta tat-08:10 ta' fil-għodu, ġewwa s-Siġġiewi u f'dawn il-Gżejjer:-

(a) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xort'oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS487 Balzan, li huwa persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni skont il-Liġi mill-awtorita' kompetenti.

**(b)** m'obdiex ordnijiet leġittimi tal-Awtorita' jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku jew ma ħallihomx jew fixkilhom

waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod ieħor bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li bil-Liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġieb fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-Liġi;

**(c)** talli kien fis-sakra f'post espost għall-pubbliku u ma kienx f'kondizzjoni li jieħu ħsieb tiegħu innifsu;

**(d)** talli kiser il-bonordni u l-paċi pubblika;

**(e)** talli kellu fil-pussess tiegħu arma (sikkina) mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

**(f)** talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħasra skont l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tat-30 ta' Marzu 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 7 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Anthony Cutajar bħala Avukat għall-għajnuna legali tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni l-Pulizija marru sabiex jaraw għaliex l-imputat kien mitluq fil-vann fejn kien hemm irrimettar mal-art ħdejn il-bieba tas-sewwieq u fejn ukoll innotaw li kien hemm sikkina taħt l-istess bieba. Hemmhekk il-Pulizija raw li l-imputat kien mitfuh fuq is-seat tas-sewwieq li kien imniżżel. Għalhekk PS487 Reuben Balzan fetaħ il-bieba ta' wara fejn bdiet għaddejja l-arja u ntebaħ li l-imputat għalkemm kien għadu ħaj ma kienx konxju. Kif l-imputat beda jistenbaħ dan beda jagħmel mossi u beda jgħajjat b'mod li kien qisu bniedem li ma kienx sew. Beda jgħajjat bħal meta persuna tkun qed issofri. Mhux għajjat normali.

Il-Qorti rat ukoll il-*video clip* li ġie miġbud minn PC497 Ryan Galea eżibit f'dawn l-atti, sabiex tifhem aħjar dak li esperjenzaw il-Pulizija fuq is-sit. Minn hemm jidher ċar li Richard Cilia beda jgħajjat jew aħjar jokrob u jirremetti barra mill-bieba tas-sewwieq. Kompla jokrob u jsabbat mal-bieba u mal-ħġieġ tal-vann li kien qiegħed fih. Pero wara li għamel xi minuti f'din il-kondizzjoni jidher li ħareġ mill-vann u beda miexi lejn id-direzzjoni ta' PS487 Reuben Balzan u beda qisu ser iħebb għalih. PS487 beda jipprova jikkontrolla dik is-sitwazzjoni u ftit wara l-*video clip* jispiċċa.

Ir-rakkont tal-Pulizija jkompli fis-sens li minn hemmhekk wara ftit l-imputat reġgħa beda jokrob u jgħajjat u mar iserraħ rasu fuq il-vann u wara mexa lejn id-direzzjoni tal-kaxxa tal-vann u minn hemm qabad biċċa injama u resaq fid-direzzjoni ta' PS487 biha mgħollija 'l fuq biex biha jagħtih xi daqqa. Kien hemmhekk li PS487 jgħid li kellu juża t-*taser gun* biex ikun jista' jikkontrolla lill-imputat minn dan l-atteġġjament aggressiv. Il-Pulizija kellhom jagħmlulu l-manetti.

PS487 jgħid li dan l-atteġġjament qatt ma ra' bħalu fi tmintax il-sena servizz fil-Korp tal-Pulizija. Jgħid ukoll li l-għajjat kien "qisu ghajjat ta' ugiegh ma bediex jitkellem, xejn, ghajjat u reazzjoni li qatt ma rajt fin-nies." Dan l-Aġent tal-Pulizija qal ukoll li meta wara li l-imputat ġie ttejżjat huwa beda ġej f'tiegħu u ftit wara beda jirraġuna tant li saħansitra neħħewlu l-manetti. Hemmhekk l-imputat beda jgħidilhom li

"ahna bdejna niffittawh, bdejna ndejquh, haseb li ahna ha naghmlu ghalih, ammetta maghna li ma gharafniex li ahna pulizija, li ma bediex jara."

Fil-fatt il-Pulizija jidhru lebsin l-uniformi li għal dak iż-żmien kienet għadha ġdida u ċjoe dik bil-qalziet iswed, flokk blu u baseball cap u mhux l-uniformi tradizzjonali tal-Pulizija Maltija.

Minn naħa tiegħu l-imputat jgħid li huwa affett minn kanċer li jaffettwalu l-apparat diġestiv tiegħu. Kien ilu dawn l-aħħar ħmistax il-sena f'din il-kondizzjoni u issa mar għall-agħar u kien beda jieħu r-raġġi. Huwa normalment kien jiekol ikel mitħun. Biss dakinhar tal-inċident, kien Ġampula u meta ħareġ minn hemm qabdu l-ġuħ u mar jixtri ħotdog. Dan wara li huwa kien xorob xorb alkoħoliku. Meta kiel dan il-ħotdog qabdu uġiegħ kbir, iżda wara ftit beda jistejqer u raqad fil-vann. F'mument minnhom jaf li lemaħ żewġ persuni lebsin l-iswed u ħassu beżgħan. Meta intebaħ bihom dawn ma kellhomx karozza. Kien wara li ġiet karozza tal-pulizija. Huwa jgħid li kien konxju li ma kienx id-dar tiegħu u li kien qiegħed fit-triq waħdu. Ħaseb li dawk iż-żewġt persuni kienu ser jisirquh u jaf li dak il-ħin reġgħa qabdu l-uġiegħ. Jaf ukoll li kellu xi jgħid magħhom. Huwa jtenni li jiftakar li kien qabad biċċa injama u kien hemm li ttejżjawh u spiċċa mal-art. Daqshekk kien jiftakar minn dan l-inċident. Biss sostna li huwa ma għarafx li dawn kienu Pulizija u ħadd minnhom ma identifika ruħu miegħu li kienu Pulizija.

L-uniformi li kienu lebsin dakinhar huwa ma kienx jaf li kienet uniformi tal-Pulizija għaliex għalih l-uniformi tal-Pulizija kienet differenti minn hekk, u fil-mument li lemaħħom hu, l-anqas ma kienu b'xi karozza. Huwa ma ntebaħx li kienu Pulizija ħlief meta ġie ttejżjat.

Din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, għalkemm l-*actus reus* ġie pruvat, mhux l-istess jista' jingħad għar-rigward tal-*mens rea*. Ir-reat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali huwa dak ta'

> Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' kif żvolġa dan l-inċident u kif jidher ukoll mill-*video clip* eżibit, ġie pruvat sal-grad tal-probabbli li l-imputat ma kienx konxju li fil-mument meta għamel l-atti tal-ħebb u attakk huwa kien qiegħed jagħmel dan **kontra** persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku. Biex dan ir-reat jiġi integrat huwa meħtieġ li l-persuna li tkun qed tattakka, tirreżisti jew tħebb tkun qed tagħmel dan kontra persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku – u ċjoe tkun ben konxja li mhux biss qed tagħmel atti ta' vjolenza kontra persuna privata iżda speċifikament kontra persuna li għandha awtorita mogħtija lilha skont il-Liġi. Għalhekk din it-tip ta' attakk, reżistenza bi vjolenza jew ħebb ma jkunx biss attakk fuq il-persuna privata ta' dak li jkun iżda huwa saħansitra attakk fuq l-awtorita' innifisha li dik il-persuna tkun qed tirrappreżenta

jew li f'isimha jew taħtha dik il-persuna tkun qed taġixxi u dan f'atteġġjament ta' sfida u konfrontazzjoni tal-istess awtorita vestita fil-persuna privata li tkun qegħda teżerċita tali awtorita jew li taħtha jew f'isimha tkun qed topera. Skont il-**Carrara**, fil-**Programma**, Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f'pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744 jirrizulta li dan ir-reat ta' "resistenza" – (li huwa jippreferi jsejjah minflok "ribellione" u dan fuq it-taghlim tal-**Carmignani**) li hija fil-bazi ta' dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-uffiċjali eżerċenti awtorita pubblika u l-elementi materjali u formali iridu jigu riflessi l-eżercizju tal-azzjoni pożittiva ta' kommissjoni li turi *l'antagonismo di due forze che vicendevolmente tendono a conflittarsi* u ċjoe l-*vires* privat ma dak pubbliku. F'dan il-każ, l-imputat ma jiċħadx li kien hemm azzjoni kontra dawk iż-żewġt persuni iżda meta wettaq dik l-azzjoni ma kienx konsapevoli mil-*vires* pubbliku tagħhom. Għal din ir-raġuni, dan ir-reat mhux meqjuż integrat f'dan il-każ.

It-tieni reat ipotizzat huwa dak kontravvenzjonali imnissel mill-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Issa f'dan il-każ, ir-reat kontravvenzjonali ma jirrekjidix il-prova tal-*mens rea* bħar-reat taħt l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda mill-banda l-oħra skont kif mistqarr fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-kawża *Il-Pulizija vs Mary Simiana*, deċiża mill-Imħallef Harding nhar is-6 ta' Marzu 1954, fil-kontravvenzjonijiet l-element psikiku huwa soddisfatt bis-sempliċi volontarjeta tal-fatt bla ma huwa meħtieġ l-element doluż – iżda xorta waħda jibqa' l-fatt li l-imputat ikun

ried il-fatt. Issa f'dan il-każ jirriżulta lill-Qorti sal-grad tal-probabbli l-imputat ma kienx konxju li l-persuni li waqfuh kienu fil-fatt Pulizija. Għalkemm huwa għolla injama u jgħid li ma semgħa ebda ordni mogħtija lilu mill-pulizija, din il-Qorti temmen lil PS487 meta jgħid li huwa taħ ordni biex ineħħi l-injama minn idejh. Il-perplessita li din il-Qorti tirriskontra hija li meta ingħata din l-ordni, l-imputat ma kienx konxju li din kienet ordni mogħtija minn Awtorita' jew persuna inkarigata minn servizz pubbliku, jew li kien qiegħed ifixkel lil dawn il-persuni fil-qadi ta' dmirijiethom volutament. Il-volontarjeta tal-att li huwa għamel ma kienx akkumpanjat bil-volontarjeta tal-fatt penalment rilevanti. U dan, fil-fehma tal-Qorti ma jintegrax il-kontravvenzjoni de quo.

Mill-banda l-oħra, din il-Qorti tqis li l-kumplament tal-imputazzjonijiet ġew pruvati sal-grad rikjest mill-Liġi. Dan peress li bl-aġir volut tiegħu l-imputat kien fis-sakra f'post espost għall-pubbliku skont l-Artikolu 338(ff) tal-Kodiċi Kriminali. L-istess jista' jingħad għall-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali fejn bl-aġir volut tiegħu l-imputat kjarament li kiser il-bon-ordni u l-paċi pubblika b'mod li bl-azzjoni tiegħu ġiegħel lil PS487 u lil PC397 jibżgħu għall-inkolumnita tagħhom bl-azzjonijiet tiegħu.

Kwantu għar-reat taħt l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta minkejja li l-imputat jgħid li din hija ta' ħuh, huwa pero jirrikonoxxi li din kienet taħt is-seat tas-sewwieq tal-vann li huwa kien qiegħed isuq.

Biss il-Pulizija xehdu li din kienet barra taħt il-bieba tal-vann fuq in-naħa tas-sewwieq. Il-Qorti tqis li l-imputat kien jaf b'dik is-sikkina f'dak il-post u kien konxju li huwa kien qiegħed iġorr din is-sikkina fil-vann li huwa kien qiegħed isuq. Kien fil-pussess tagħha barra bl-għarfien tiegħu u bir-rieda tiegħu. Il-Qorti tqis dan ir-reat integrat.

Kwantu għall-addebitu tar-reċidiva, din il-Qorti tqis ukoll li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi. Biss din il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ qegħda teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u mhix qegħda żżid il-piena bi grad skont l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

## *DECIDE*

Li qegħda ssib lil Richard Cilia mhux ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tat-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal multa komplessiva fl-ammont ta' mitejn u ħamsin euro (€250).

Inoltre il-Qorti bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ħames imputazzjoni, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-sikkina meritu ta' dan il-każ.

Inoltre, tipprojbixxi lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenza għal żmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

**Mogħtija illum is-16 il-jum t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***

Sent/proċ reż somm/kont